MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 444/2002/1

**Martin Farrugia**

**vs**

**Antonia Farrugia**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Lulju 1980 fil-knisja parrokkjali ta' l-Imsida, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni elf, mija u erbgha u sebghin ta' l-elf disa' mija u tmenin (1174/1980);

Illi l-kunsens tal-partijiet (kemm ta' l-attur kemm tal-konvenuta) fil-mument taz-zwieg kien ivvizzjat l-ghaliex kienu sfurzati jizzewgu peress li l-konvenuta kienet harget tqila u kien ser ikollha tarbija minghand l-attur;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ukoll minhabba d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi mhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255)** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Lulju 1980 huwa null u bla effett legali.

2. Konsegwentament tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata fil-25 ta' Lulju 2002 baqghet ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-attur b'terminu ta' 30 gurnata. Dr. Pawlu Lia ghall-attur iddikjara li hlief ghall-affidavits m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 12 ta' Dicembru 2002.

Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u tliet affidavits ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** sostna li:-

*"Jien illum ghandi wiehed u erbghin sena. Jien u Antoinette Scerri zzewwigna fit-3 ta' Lulju 1980, meta jiena kelli dsatax-il sena biss, u hija kellha wiehed u ghoxrin (21) sena. Dak iz-zmien hija kellha seba' xhur tqala.*

*Jiena kont u ghadni noqghod il-Gzira. Sirt naf lill-konvenuta meta kont inkun tas-Sliema ma' habib tieghi certu Joe, maghruf ta' Gawdens, li ma nafx x'kunjomu. Joe kien persuna fizikament handikappata u kien hajjarni nohrog ma' Antoinette biex hu jkun jista' johrog ma' habibtha Irene. Jigifieri proprjament ma kontx jiena li thajjart ghal Antoinette, izda aktar hrigt biex nghin lil siehbi Joey.*

*Nispjega li fil-11 ta' Ottubru 1979 kelli ncident bil-mutur u xi erbat ijiem wara kont tas-Sliema ma' siehbi Joey u hemm kien laqqaghni maghha biex seta' johrog mal-habiba taghha.*

*Konna nohorgu zewg koppji, u konna nispiccaw fil-'flat' tieghi biex niehdu kafe.*

*Irrid nghid li kiena ghalkemm kelli biss dsatax-il sena kont diga' nghix wahdi. Kont ili nghix ghal rasi sa minn meta kelli sbatax-il sena. Qabel kont noqghod m'ommi fl-istess 'flat' u maghna kienu joqoghdu wkoll ohti Monica u hija*

*David. Missieri ken ilu li emigra l-Awstralja mis-snin sittin. Kien abbanduna lil ommi u lilna wliedu.*

*F'xi zmien ommi telqet mill-'flat' biex marret tghix ma' certu Pawlu Azzopardi, u bqajna jiena, hija David u ohti Monica. Wara Monica harget tqila u kellha tizzewweg. Izzewget lil certu Peter Cremona. Sussegwentement anke hija David telaq ghaliex sab 'flat' fl-istess blokk u ghalhekk spiccajt bqajt wahdi.*

*F'dan iz-zmien Ii kont wahdi kif ghidt, konna nispiccaw iz-zewg koppji, u kien ikollna x'naqsmu flimkien. Siehbi u t-tfajla tieghu jispiccaw f'kamra u jiena u Antoinette f'kamra ohra.*

*Irrid nghid li ghalkemm ovvjament dak iz-zmien ma kontx niddejjaq ikolli relazzjonijiet sesswali ma' Antoinette, qatt ma kont migbud lejha f'sens ta' mhabba. L-ewwel ma hrigt maghha, kif ghidt, minhabba siehbi, u wara kont niehu gost bis-sess li kien ikollna flimkien. Kont ghadni zghir - bicca ta' guvnott.*

*Lanqas ma kont niehu wisq gost nohrog maghha. Nahseb li anke kont niddejjaq nidher maghha ghaliex kienet qasira hafna. Tant hu hekk li kien igibha u jwassalha lura siehbi Joe.*

*Ghamilna xi xahrejn u nofs flimkien. Sa wara l-Milied; nahseb li kien is-6 ta' Jannar. F'dawn ix-xahrejn u nofs kien ikollna sess kwazi kuljum. Spiccajna li hi kienet tfittixni prattikament kuljum ghas-sess waqt li jiena kont bdejt niddejjaq. Wara l-Milied ma fittxitnix izjed u spicca kollox bejnietna. Nghid li anke kont insejtha u ma hsibtx aktar dwarha.*

*Ghaddew hames xhur u ghal habta ta' Gunju giet tfittixni fil-'flat' tieghi u kienet sabet lil ohti li fil-frattemp kienet regghet giet toqghod mieghi. Antoinette staqsiet ghalija. Kumbinazzjoni dakinhar kien hemm ukoll ommi ghand ohti u nahseb li anke hija David kien prezenti. Antoinette kienet marret m'ommha u qaltilhom li riedet tkellimni ghaliex kienet tqila b'wild tieghi.*

*Ohti wara kienet qaltli x'kien gara u dik il-gimgha stess jiena mort infittixiha d-dar taghha. Kont sibtha m'ommha u x'hin dhalt inkellimha bdew jibku t-tnejn u qaluli li kienet tqila minni. Qaluli wkoll li kelli nizzewwigha ghaliex inkella kienet ser tmur tixtri Ghawdex u thalli lit-tarbija hemm.*

*Jiena nfxilt u nkwetajt. Ma kelli ebda hsieb li nizzewweg la lil Antoinette u anqas lil hadd, avolja fiz-zmien li ma kontx rajt izjed lil Antoinette kont anke bdejt nohrog ma' certa Marisa Debono, li llum nghix maghha. Jiena pero' barra li nfxilt, hassejt li kelli obbligazzjoni li lit-tarbija ntiha famiija u ma kellix inhalliha tigi fid-dinja b'dak il-mod. Hassejt li bilfors ridt nizzewweg, u anke meta rajt lil Antoinette u 'l ommha jibku, komplejt thawwadt. Ghalhekk jiena accettajt li nizzewwigha.*

*Pjanijiet ma kien hemm cans li naghmlu xejn. 0mm Antoinette, Pawla Scerri, hadet hsieb tirranga kollox hi mal-kappillan ta' l-Imsida u fi tlieta jew erba' gimghat izzewwigna.*

*Niftakar li ma kenitx cerimonja normali u lanqas ilbies tat-tieg ma kellna. Lanqas mistednin ma kellna hlief ghar-ragel t'ohti u r-ragel ta' ohtha li kienu x-xhieda fit-tieg.*

*Meta zzewwigna l-mara diga' kellha seba' xhur tqala. In fatti fis-sitta ta' Settembru 1980 twieldet it-tifla Fiona.*

*Wara t-tieg kont mort nghix mal-mara u ommha. Kienet tatna kamra ghalina.*

*Konna nghixu ma' ommha, ohtha bir-ragel u binthom, u hu l-mara.  Ma kont kuntent xejn.*

*Ghandi nghid li kieku mhux ghax hassejtni sfurzat li rrid nizzewweg bil-fors minhabba t-tarbija qatt ma kont nasal li nizzewweg lil Antoinette.*

*Konna domna ghand omma xi sena u f'dan iz-zmien jiena kont sibt xoghol bhala mechanic/driver u kont inqatta' hafna hin barra. Ma tantx kont infittex li mmur id-dar. Anke*

*bil-lejl kont nahdem. Kollox biex noqghod fid-dar ta' omm il-mara mill-anqas possibbli.*

*Problemi kellna mill-ewwel. Imhabba bejnietna ma kienx hemm, u qatt ma kien hemm. Jien bqajt nohrog bhal meta kont guvni u hi kienet tibqa' d-dar m'ommha. Intant kienet ukoll waqfet tahdem. Antoinette qatt ma pprovat tibni relazzjoni mieghi. Kienet sodisfatta li zzewwigna u t-tifla twieldet f'familja, izda lili qatt ma habbitni. Kienet tippreferi 'l ommha ghall-kumpanija u baqghet dejjem tippreferiha. Verament anqas jiena qatt ma fittixt li nibni relazzjoni mal-mara. Mill-bidu nett bqajt nohrog anke ma tfajliet ohra u anke bqajt ikolli x'naqsam maghhom. Dan mill-bidu nett u ma nistax nghid hi waqaft anqas wara li zzewwigt. Ghalija dak iz-zmien kont ghamilt li kelli naghmel biz-zwieg u xejn aktar.*

*Xi sena wara morna noqghodu ghal rasna f'post l-Imsida, fejn domna xi tliet snin, pero' wara ergajna morna noqoghdu ma' ommha ghax hekk riedet hi. Meta konna ghand ommha regghet harget tqila u ftit wara sseparajna de facto. Dan kien fl-1986.*

*Illum jiena nghix ma' mara ohra u ghandi zewgt itfal minnha, wahda Jessica ta' erbatax-il sena u Neil ta' hdax-il sena. Il-mara li nghix maghha hija Marisa Debono, li kont nohrog maghha qabel izzewwigt lil Antoinette. Ma' din nista' nghid li bnejt familja u ghandi relazzjoni tajba".*

Rat l-affidavit ta' **Monica Cremona** fejn sostniet illi:-

*"Jien oht l-attur Martin Farrugia. Ghandi sentejn aktar minn Martin.*

*Jiena illum noqghod Santa Venera, pero' meta kont m'ommi kont noqghod il-Gzira. Anke wara li zzewwigt kont ghamilt xi erba' snin nghix il-Gzira. Kont bqajt noqghod fil-'flat' t'ommi wara li hi kienet telqet.*

*Irrid nghid li meta hija kien ghadu guvni ta' xi tmintax-il sena fid-dar t'ommi konna noqghodu jiena, hija Martin, hija David u ommi.*

*Wara ommi telqet ghaliex marret tghix ma' certu Paul Azzopardi. Jiena kont hrigt tqila minn zewgi li kont ili zmien nohorgu flimkien. Minhabba f'hekk konna zzewwigna u ghal xi zmien kont mort noqghod mieghu ghand ommi cjoe' fid-dar li kellha ma' Pawlu Azzopardi.*

*Intant hija David kien ha 'flat' fuq fl-istess blokk fejn konna noqoghdu ghall-ewwel u ghalhekk hija Marfin kien baqa' wahdu fl-'flat' li kellna.  Dan kien ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 1979 u l-bidu tal-1980.  L-ewwel tarbija tieghi twieldet fl-1980.*

*Wara li kelli t-tifel u kellu xi ftit xhur kont irritornajt fil-'flat' fejn kien hemm hija Martin, u dan tela' jghix ma' David. B'hekk fil-'flat' bqajna jiena u zewgi.*

*F'xi zmien f'Mejju jew Gunju 1980, u kumbinazzjoni kien hemm ukoll ommi ghaliex giet tarani, kienet giet Antoinette Farrugia, ma' ommha tfittex lil Martin. Ommha kienet irrabjata u b'lehen gholi bdiet issejhila minn isfel ghahiex riedet tkellem lil Martin. Dahhalnihom gewwa u bl-istess ton irrabjat qaltilna li t-tifla taghha kienet tqila minn Martin u li kellhom jizzewgu bilfors ghaliex inkella tmur Ghawdex twelled ghand is-sorijiet u thallih hemm. Dan id--diskors qalitu wkoll Antoinette. Ma niftakarx sew x'ghidnielha, pero' zgur li nkwetajna.*

*Fil-ghaxija kien gie Martin u ghidtlu jien. Kien deher inkwetat U ma jafx x'ser jaghmel. Jiena ghidtlu li la kien hekk kellu jizzewweg minhabba t-tarbija. Lil Antoinette ma kienx jafha. Jiena anqas kont nafha hlief xi ftit l-iskola ghalhiex tampari.*

*Wara f'kemm ili nghidlek kienu zzewgu.  Kienet irrangat kollox ommha.  Kienu zzewgu bla quddies ukoll u minghajr tqarbin.  Kollox ta' malajr.*

*Irrid nghid li lil hija nafu u naf li ma riedx jizzewweg u ma kellu ebda hsieb ta' zwieg sa dak iz-zmien. Kellu jizzewweg minhabba t-tarbija.*

*Wara z-zwieg qisu ma zammejniex kuntatt ghaliex anke meta konna nipprovaw inzuruhom, omm Antoinette lanqas kienet tifthilna u wrietna bil-fatti li ma kienitx kuntenta li mmorru".*

Illi fl-affidavit tieghu **David Farrugia** sostna li:-.

*"Jien hu l-attur Martin Farrugia u ghandi disgha u tletin sena.*

*"Jiena illum noqghod Gzira fl-istess 'flat' fejn ili nabita ghal dawn l-ahhar sitta u ghoxrin sena. Qabel kont noqghod fi 'flat' iehor fl-istess blokk ma' ommi.*

*Meta kelli xi sittax-il sena ommi kienet telqet mill-'flat' fejn konna noqoghdu u marret tghix ma' ragel iehor. Dak iz-zmien bqajna d-dar jiena, hija Martin u ohti Monica li kienet ghadha xebba.*

*Ftit wara Monica harget u wara ftit izzewget. Minhabba f'hekk ghall-ewwel marret toqghod m'ommha, u jiena tlajt fi 'flat' iehor fl-istess blokk. Dan il-'flat' ghadni nghix fih sa llum.*

*Intant naf li Martin kien ghamel zmien johrog ma' dik li wara saret il-mara tieghu pero' wara ftit kienu waqfu. Intant ohti Monica rritornat fil-'flat' ma' zewgha, u hija Martin tela' joqghod mieghi.*

*Xi xhur wara kienet giet Antoinette ma' ommha d-dar ta' ohti Monica. Dakinhar kienet giet ommi ghand ohti u jien inzilt inkellimha wkoll. Ghalhekk meta giet Antoinette jiena nzertajt kont hemm ukoll.*

*Niftakar li Anoinette u ommha kienu qalu hi hija kienet tqila minn hija Martin u li dan kellu jirranga billi jizzewwigha. Kienu gew irrabbjati sew, specjalment omm Antoinette.*

*Naf li Martin kien kellimni fuq hekk u qalli li ma xtaqx jizzewweg pero' kien qed jibza', u ma riedx li l-'baby' jitwieled Ghawdex u li jigi abbandunat ghand haddiehor.*

*Fi ftit zmien kienu rrangaw, anzi nghid hi kienet irrangat kollox omm Antoinette u f'kemm ili nghidlek izzewgu.*

*Jiena hija kien jitkellem mieghi kemm qabel kemm wara z-zwieg u nista' nghid li anke wara z-zwieg baqa' "hajja ta' guvni", cjoe' baqa' johrog u anke baqa' jkollu l-'girl friends'.*

*Nghid ghalija, ghalkemm ma kontx inzurhom, hija u Antoinette qatt ma kienu jaqblu u ma tistax tghid hi kienu mizzewgin normali".*

Illi fl-affidavit tieghu **Peter Cremona** sostna li:-

*"Jien ir-ragel ta' Monica oht l-attur Martin Farrugia.*

*Niftakar li darba fl-1980 Martin kien gie mix-xoghol u qalli li "qed tghidli li tqila, x'naghmel"? Jiena ghidtlu li jkollok tizzewweg. Hekk kont inhoss li kellu jaghmel minhabba t-tarbija.*

*Hu ma riedx u jiena kont wegibtu "mela affarik!"*

*Jiena kont xhud tat-tieg ta' Martin u naf li huwa kien sfurzat biex jizzewweg minhabba t-tarbija.*

*Niftakar li t-tieg ma kienx bil-quddies u bit-tqarbin, u kienet organizzat kollox ta' malajr omm Antoinette".*

**(B) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982), il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u*

*minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi pero' mill-provi prodotti ma ngabet ebda prova dwar fejn kienet din il-biza', u certament li mill-provi prodotti vjolenza fizika u / jew morali ma kienx hemm, u ghalhekk fuq din il-bazi t-talba attrici qed tigi michuda anke jekk il-Qorti tista' tifhem l-istat tal-attur meta rrinfaccjat minn omm l-konvenut u l-konvenuta li hija kienet harget tqila u nsistew mieghu li kellhu jsir iz-zwieg, li in verita' gie organizzat kollu minn ommha.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give*

*and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (Viladrich, P.J.,* **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* **(d)** *ikompli jitkellem*

*dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo*

*discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs**

**Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e*

*irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"*

(***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological*

*cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J***., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita**

**Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP)

l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car u skjet li l-unika raguni li wasslet lill-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta, u *vice versa* kien il-fatt li l-istess konvenuta inqabdet tqila qabel iz-zwieg mill-istess attur u ghalhekk f’dik is-sitwazzjoni l-attur hass li ma kellux xelta hlief li jizzzewweg lill-konvenuta, animat ukoll mill-insistenza ta’ omm il-konvenuta li l-attur u l-konvenuta kellhom jizzewwgu sabiex l-istess tarbija titwieled fiz-zwieg.

Illi bizzejjed wiehed jghid li ghalkemm b’mod mill-aktar irresponsabbli l-kontendenti kellhom diversi relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg li ta’ l-frott bil-wild imsemmi, l-istess partijiet kienu sahansitra qatghu l-kuntatt ma xulxin, sakemm il-konvenuta skopriet li hija tqila, u minn hemm l-affarijiet precipitaw fis-sens li gie rrangat malajr iz-zwieg bejn l-istess partijiet, meta lanqas kien hemm la minn naha wahda u lanqas minn ohra hajra ghaz-zwieg flimkien, ahseb u ara kunsens proprju li wiehed jifhem l-kuncett ta’ zwieg, indissolibbli u li wiehed jghix litteralment ghall-parti l-ohra f’kollox b’dan li jkun hemm unjoni ta’ hajja matrimonjali, bid-drittijiet u obbligi minnha naxxenti.

Illi jidher car li l-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat *stante* li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva tal-elementi essenzjali taz-zwieg, u dan jidher car mil-fatt li ghall-attur iz-zwieg kien biss mezz sabiex it-tarbija li kienet gejja fid-dinja titwieled taht il-kappa ta’ formalita’ ta’ zwieg, izda huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jghix ta’ ragel mizzewweg u fil-fatt hekk ghamel. Min-naha tal-konvenuta, din ftit kellha xelta x’taghmel hlief li taccetta dak li kien qed tghidilha omma,  u dan meta nqabdet f’din is-sitwazzjoni u kellha wiehed u ghoxrin (21) sena biss, u fil-fatt l-ebda

preparamenti ma saru ghall-istess tieg li hadet hsiebu omm il-konvenuta, li maghha marru jghixu.

Illi dan kollu huwa kkonfermat mill-fatt li l-konvenuta meta zzewget kellha gja` seba' (7) xhur tqala tant li t-tarbija twieldet fis-6 ta' Settembru 1980 mentri l-partijiet kienu zzewgu fit-3 ta' Lulju 1980. Illi l-istess partijiet baqghu flimkien biss sal-1986, il-maggor parti jghixu ghand omm il-konvenuta, sakemm isseparaw *de facto* wara li l-attur *ex admissis* kkonferma li huwa baqa' jkollu x'jaqsam u johrog ma' diversi tfajliet jew nisa ohra, u dan ghaliex mal-konvenuta qatt ma kien hemm relazzjoni, u l-attur rega' qabad relazzjoni ma' certu Marisa Debono, li kien johrog maghha anke qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta, u llum jghix maghha u ghandu zewgt itfal minnha wkoll.

Illi dan kollu b'liema mod iljev u bla ebda konsiderazzjoni l-partijiet odjerni dahlu ghaz-zwieg bejniethom, fejn din il-Qorti thoss li l-kunsens ghaz-zwieg veru u validu kien nieqes ghal kollox, u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg bejn il-kontendenti tat-3 ta' Lulju 1980 ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Lulju 1980 huwa null u bla effett legali abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

(2) Konsegwentament tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet *stante* li t-tnejn kkontribwew ghal tali pronunzjament ta' nullita' tal-istess zwieg.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta’ Dicembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**12 ta’ Dicembru 2002**